MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Numru. 763/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**
**Priviledge sive Stephen Mupimhidzi, bin Sunungurai Vatema u Veronica nee' Zammit, imwieled nhar l-14 ta' Ottubru 1986 fiz-Zimbabwe, detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 123804L u jabita, Liliana Apartments, Block B, Flat 2A, Triq Gulju, (Bugibba), San Pawl il-Bahar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Priviledge sive Stephen Mupimhidzi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Gunju 2008 ghal habta tas-14:30hrs.:

1. gewwa il-bajja li tinsab fi Triq Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Stefano Tomasi mill-Iklin skond kif iccertifikat Dr. Alexandra Harney M.D. ta’l-Isptar Mater Dei.

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Neil Cardona minn San Pawl il-Bahar skond kif iccertifika Dr. Jesmar Buttigieg M.D. ta’l-Isptar Mater Dei

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci u buon ordni pubblika b’ghajjat u glied.

4. u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b’sentenza tat-28 ta’ Novembru 2006 u b’sentenza tas-26 ta’ Marzu 2007 mill-Qrati tal-Magistrati (Malta)

5. u aktar talli ghamel reat matul il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija liema sentenza giet moghtija fit-23 ta’ Mejju 2007

6. fl-ahhar nett akkuzat talli sar recidiv ai termini ta’l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien gie misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-18 ta’ Awissu 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirtira ir-raba u l-hames akkuzi stante li dawn ghaddew in gudikat permezz ta’ sentenza ohra moghtija minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat illi huwa kien involut fi glieda ma’ Stefano Tomasi u Neil Cardona u

ikkaguna feriti lill-parti leza, liema feriti madanakollu jikkontesta illi ma kenux feriti ta' natura gravi. Ghalhekk huwa iddikjara illi huwa hati tat-tieni akkuza, izda mhux hati ta'l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rapport ta'l-espert mediko-legali nominat mill-Qorti Dottor Mario Scerri u dana ghar-rigward tan-natura tal-griehi sofferti minn Stefano Tomasi.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat ma huwiex jikkontesta il-fatt illi huwa kien involut fi glieda, f'liema glieda huwa ikkaguna xi feriti lil Stefano Tomasi u lil Neil Cardona. Fil-fatt il-provi f'dina il-kawza gew limitati ghan-natura tal-griehi sofferti minn Tomasi, stante illi l-imputat ammetta l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu. Fil-fatt dana jirrizulta ukoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fejn ighid hwua stess illi intervjena f'argument li kien qed isehh bejn shabu u l-parti leza u huwa qabad u xejjer xi daqqiet ta' ponn.

Illi mix-xhieda tat-tobba Dr.Gunter Abela u Dr. Alexandra Harvey li ezaminaw lil Tomasi wara l-incident, irrizulta illi huwa sofra ferita ta' madwar tlett centimetri fuq in-naha laterali tal-margini orbitali tal-ghajnejn tax-xellug. Jidher illi gew maghmula xi punti mit-tabib Gunter Abela fejn il-gerha giet iklasifikata bhala ta' natura gravi minhabba il-fatt li din setghet tibqa marka permanenti fil-wicc.

Ghal dana il-ghan gie innominat it-tabib Mario Scerri bhala espert medikolegali sabiex jigu stabbiliti n-natura tal-griehi sofferti mill-vittma Tommasi u dana minhabba il-kontestazzjoni li saret mill-imputat. Illi mir-rapport tat-tabib Scerri, jirrizulta illi Tomasi ghandu cikatrici fuq l-aspett laterali tal-ghajn ix-xellugija, liema cikatrici tidher mill-vicin bhala marka. Illi l-espert ikkonkluda: "Illi peress li din il-lezjoni kienet ilha li saret madwar hames xhur u baqghet vizibbli din ic-cikatrici tibqa' vizibbli bhala marka permanenti fil-wicc." Illi ghalhekk l-offiza ikkagunata fuq il-persuna ta' Stefano Tomasi tinwadra ruhha f'dak dispost

fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal_Ligijiet ta’ Malta. Illi l-isfregju jidher illi huwa marka zghira fuq l-ghajn illi ghalkemm vizibbli ma jidhirx illi huwa wiehed gravi.

Illi ghar-rigward ta’l-akkuzi l-ohra, apparti l-ammissjoni maghmula mill-imputat, dawna jirrizultaw ippruvati peress illi ma huwiex ikkontestat illi l-imputat involva ruhu fi glieda minn jeddu u spicca sawwat nies minghajr l-ebda raguni.

Illi meta tigi biex tikkunsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat, izda madanakollu ma tistax tinjora il-fedina penali tieghu fejn ghalkemm huwa inghata diversi opportunitajiet minn dina l-Qorti sabiex jirriforma ruhu l-imputat xorta wahda ma iridx jaghmel dan. Oltre dana l-imputat huwa recidiv kif jixhdu id-diversi sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni fl-atti tal-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 216(1)(b), 221, 338(dd), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba u il-hames akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, stante illi dawn gew irtirati mill-prosekuzzjoni, issib lill-imputat hati ta’l-ewwel, it-tieni, it-tielet u is-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------